DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 109/2011

tat-30 ta' Settembru 2011

li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikulari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 89/2011 tal-1 ta' Lulju 2011 [1].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/142/UE tat-3 ta' Marzu 2011 li temenda d-Deċiżjoni 97/80/KE li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE dwar surveys għall-ġbir ta' statistika għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib [2], għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 22 (Direttiva tal-Kummissjoni 97/80/KE) tal-Anness XXI għall-Ftehim:

"— **32011 D 0142**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/142/UE tat-3 ta' Marzu 2011 (ĠU L 59, 4.3.2011, p. 66)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2011/142/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-1 ta' Ottubru 2011, dejjem jekk in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

[1] ĠU L 262, 6.10.2011, p. 61.
[2] ĠU L 59, 4.3.2011, p. 66.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.